# PALAZZO MANRESA - IL-KURJA TAL-ARĊISQOF

Palazzo Manresa fil-Florjana, ġie mibni mill-Ġiżwita Fra Francesco Rosignoli bil-għan li tintuża bħala dar għall-irtiri kif kien għamel il-Fundatur stess tal-Ġiżwiti, San Injazju ta' Lojola meta dan kien imur iżur il-Madonna meqjuma ġewwa Manresa. Fra Rosignoli kien ukoll l-ewwel rettur ta' din l-istituzzjoni.

Kienet mibnija fis-snin 1743-1751 fil-borgata tal-Belt Valletta magħrufa bħala il-Florjana. Ġiet mibnija fuq għolja li tgawdi dehra tal-port ta' Marsamxett bi stil barokk, b'faċċata bil-bieb ewlieni, mżejjen b'żewg kolonni, milħuqa b'taraġ bi xbieha tal-Madonna b'Ġesù f'idejha. Mal-faċċata fiż-żewg naħat, hemm ukoll żewg fillieri ta' twieqi elaborati bl-iskultura.

Internament il-bini huwa mżejjen b'portali sbieħ, oriġinati mill-arkitett Taljan Romano Carapecchia, b'kappella ovali li fiha ħames artali mżejna bi skultura dekorattiva, b'sett komplut ta' pittura mill-pittur Antoine Favray. L-artal maġġur imżejjen bi skultura u mużajk bl-irħam oniċe ta' Għawdex. Fih hemm relikwi ta' San Kalċidonju, suldat martri li hu wkoll meqjum b'kappella separata li saret fi żmien ir-Rettur Fra Domenico Calvi, is-suċċessur ta' Fra Rosignoli fuq wara bil-bieb għat-triq biex id-devoti kienu jistgħu jqimu bla ma jtellfu lil dawk li jkunu jieħdu sehem fl-irtiri. Il-bieb għal din il-Kappella hu minn Triq Vincenzo Bugeja.

Il-palazz kien imżejjen b'diversi kwadri pittura kif ukoll is-sala tar-refettorju, li hija miksija bil-pittura kkummissjonata minn Fra Calvi u pittura fis-saqaf ta' Pasquale Leonetti.

Dan il-Palazz serva wkoll bħala seminarju minn nofs is-seklu dsatax u naturalment meta kien seminarju ġie mkabbar fil-bidu tas-seklu għoxrin.

Fi żmien il-Gwerra laqa' fih għadd ta' refuġjati u serva wkoll bhala Victory Kitchen. Il-bini safa' milqut minn bombi bi ħsarat kbar li ġew riparati b'tibdil meħtieg. Meta l-Kulleġġ Mater Adminarbilis Training College f'Tal-Virtù, ir-Rabat kien ġie magħluq fl-1977, is-Seminarju mill- Furjana mar ir-Rabat fl-imsemmi Kulleġġ, allura il-Palazz Manresa ġie konvertit bħala l-Kurja ta' l-Arċisqof, trasferit mill-Palazz Arċiveskovili tal-Belt biex fil-Palazz tal-Belt baqa' t-Tribunal tal-Knisja.

*Tagħrif miġbur minn Lorenzo Zahra.*